# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 6 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru: 17**

**Rikors Numru: 796/2016 JPG**

**Nikolai Borg (K.I. nru. 350280M), Miguel Borg (K.I. nru. 74277M) u Sarah Borg (K.I. nru. 287586M)**

**VS**

**Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Peter Sammut bhalha Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita' gjacenti tal-mejjet Joseph Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat datat 12 ta' Settembru 2016, (vide fol 1 et seq), ta' Nikolai Borg, Miguel Borg u Sarah Borg detenturi tal-karta tal-identita' bin-numri 350280M, 74277M u 287586M rispettivament, li jaqra hekk;

***Dikjarazzjoni tal-Fatti u Raguni tat-Talba***

1. *Illi l-atturi, huma ahwa u huma l-unici ulied tad-defunt Joseph Borg, li gie nieqes fl-24 ta' Dicembru, 2014 hekk kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt ["**Dok: GB.1**"].*

2. *Illi d-defunt Joseph Borg kien mizzewweg lil Grace Borg, ossia omm l-atturi. Permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Novembru, 2001 in atti tan-Nutar Maurice Gambin id-defunt Joseph Borg u Grace Borg isseparaw u l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom giet terminata b'effett mid-data ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, billi gew divizi u assenjati beni formanti parti mill-komunjoni bil-mod kif indikat fl-istess kuntratt ["**Dok: GB.2**"].*

3. *Illi hekk kif jirrizulta minn ricerka testamentarja kondotta fir-Registru Pubbliku ta' Malta u kif ukoll fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) ["**Dok: GB.3**" u "**Dok: GB.4**"], is-successjoni tad-defunt Joseph Borg, hija regolata mit-testment tieghu datat 21 ta' Novembru, 2014 in atti tan-Nutar John Gambin ["**Dok: GB.5**"] f'liema testament id-defunt Joseph Borg:*

   a. *halla b'titolu ta' pre-legat lill-atturi l-flejjes tieghu kollha, depozitati f'banek f'ismu personali u l-investimenti finanzjarji tieghu kollha u l-ishma u l-interessi kollha illi ghandu fil-kumpanija Visco Enterprises Limited;*

   b. *halla b'titolu ta' legat lill-partner tieghu Marina Ciarlo in piena u assoluta proprjeta' l-maisonette fl-elevated groundfloor level immarkata bin-numru 11 fi Triq is-Siegh, l-Ibragg, Swieqi, il-lock-up garage minghajr numru u isem sitwat f'kumpless ta' garaxxijiet sottostanti il-maisonette surreferita u sottostanti maisonettes ohra kontigwi, kif ahjar deskritti fit-testment u l-kontenut ta' l-imsemmija maisonette u garage a limine intus, eskluzi flejjes, dokumenti ta' titolu ghall-flus, metal prezzjuz, artikli u gebel, affarijiet li ma jappartjenux lit-testatur jew li nstabu fl-imsemmija maisonette u garage unikament minhabba incident u eskluzi wkoll l-oggetti mhollija bi pre-legat lill-atturi kif deskritti fil-paragrafu sussegwenti;*

*Illi fir-rigward ta' dan il-legat lil Marina Ciarlo', t-testatur iddispona illi l-istess legat kien qed jigi mholli lil-legatarja Marina Ciarlo', in kwittanza assoluta u bhalha tpacija ta' ammonti lilha dovuti mill-istess testator kemm fid-data tat-testment kif ukoll kwalsiasi djun illi jistghu jkunu dovuti fil-futur;*

   c. *halla b'titolu ta' pre-legat in piena u assoluta proprjeta':*

- *l-ghamara mmarkata zero zero wiehed (001) u zero zero tlieta (003) lill-attur Miguel Borg;*

- *l-ghamara mmarkata zero zero tnejn (002) u zero zero erbgha (004) lill-attur Nikolai Borg; u*

- *l-ghamara mmarkata zero hamsa hamsa (055) u zero hamsa disgha (059) lill-attrici Sarah Borg*

*liema ghamara giet immarkata bin-numri fuq indikati f'dokument A anness mat-testment;*

d. *innomina u appunta bhala eredi unici u universali u successuri tal-eredita' tieghu lill-atturi, cioe' it-tliet uliedu u ezenta lill-istess atturi mill-obbligi tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni.*

4. *Illi l-atturi kollha, tramite tliet noti guramentati pprezentati fir-Registru tal-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), rrinunzjaw ghall-eredita' ta' missierhom Joseph Borg filwaqt li zammu ferm il-jedd taghhom ghas-sehem rizervati tal-beni, illi skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 614 sa 653 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta imiss lilhom. Tali dikjarazzjonijiet ta' rinunzja gew debitament registrati fir-Registru Pubbliku ta' Malta billi gew transuntati fi tliet atti pubblici lkoll ippubblikati fl-14 ta' Mejju, 2015 minn Nutar Dr. Nicholas Vella ["**Dok: GB.6**", "**Dok: GB.7**" u "**Dok: GB.8**"].*

5. *Illi hekk kif ser jirrizulta fil-kors tal-proceduri odjerni, minhabba l-legat imholli lil-Marina Ciarlo', is-sehem rizervat spettanti lill-atturi ma jistax jigi sodisfatt u ghaldaqstant tali legat ghandu jitnaqqas pro rata.*

6. *Illi ghalhekk l-atturi qed iressqu l-odjerni proceduri biex jigi komputat is-sehem rizervat li jikkompeti lilhom mill-patrimonju tad-defunt missierhom Joseph Borg.*

***Talbiet:***

*Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti-*

*I.* *Fl-ewwel lok, tistabilixxi u tillikwida l-wirt tad-defunt Joseph Borg billi jigi dikjarat konsistenti fil-beni u s-sustanzi illi jirrizultaw tul il-korsi tal-proceduri, okkorrendo anke bl-assistenza ta' periti nominandi;*

*II.* *Tillikwida favur l-atturi s-sehem rizervat li jmisshom skont il-ligi mill-eredita' ta' missierhom Joseph Borg b'donazzjoni matul hajtu u dak kollu li jidhol fil-formazzjoni tal-imsemmija eredita' skond il-ligi;*

*III.* *F'kaz illi jirrizulta illi d-dispozizzjonijiet maghmula fit-testment tad-defunt Joseph Borg u d-donazzjonijiet maghmula matul hajtu, jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel l-istess defunt, tordna illi tali disposizzjonijiet u donazzjonijiet jitnaqqsu sa dak is-sehem, ai termini tal-Ligi;*

*IV.* *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dak kollu li jmisshom ossia s-sehem rizervat li jmisshom skond il-ligi, u jekk ikun hemm il-htiega jigi ordnat il-bejgh taht l-awtorita' tal-Qorti, tal-beni jew ta' uhud mill-beni formanti parti mill-eredita' tad-defunt Joseph Borg u/jew kif ukoll kull procedur ohra sabiex jitnaqqsu donazzjonijiet, biex f'kaz li ma jistax isir mod iehor, jigi sodisfatt is-sehem rizervat ta' l-atturi mir-rikavat ta' l-istess bejgh u/jew mit-tnaqqis tad-donazzjonijiet;*

***Bl-ispejjez*** *u bl-imghax fuq is-sehem rizervat spettanti lill-atturi skond il-ligi, kontra l-konvenuti, illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-Risposta datata 26 ta' Ottubru 2016, (vide fol 50), ta' Dr. Simon Micallef Stafrace u PL Peter Paul Sammut kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita' gjacenti tal-mejjet Joseph Borg, li taqra hekk;

*Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Rat ir-Rikors datat 13 ta' Frar 2017 ta' Marina Ciarlo`, [Karta ta' l-Identita` Numru 772954M], (vide fol 61 et seq.), li jaqra hekk;

1. *Illi l-esponenti saret taf b'din il-kawza fl-ismijiet fuq premessi, li tittratta l-eredita` tal-mejjet Joseph Borg li kien, ghal ben hmistax-il sena, is-sieheb ta' l-esponenti.*
2. *Illi kif intqal fir-Rikors Guramentat f'din il-kawza, l-istess Joseph Borg, pemezz tat-testment datat 21 ta' Novembru 2014 in atti tan-Nutar Dr. John Gambin, halla lill-esponenti b'titolu ta` legat in piena u assoluta proprjeta`, is-segwenti fondi:-*

(i) *il-maisonette bin-numru hdax (11) gewwa Triq is-Siegh, Ibragg, Swieqi, li jinsab fil-pjan terran u li jinkludi l-bitha ta' wara, sottostanti ghall-maisonette di proprjeta` ta' Gary Bartelings jew l-aventi causa tieghu, u sovrastanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet, skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi testament, inkluz ukoll il-kontenut ta' l-imsemmi maisonette kif deskritt ukoll fl-istess testment; u*

(ii) *Lock-up garaxx minghajr numru u minghajr isem, sitwat gewwa kumpless garaxxijiet sottostanti ghall-maisonette fuq imsemmi kif ukoll sottostanti ghal maisonettes ohrajn attigwi, liema kumpless ta' garaxxijiet huwa accessibbli minn entratura bla numru gewwa Triq is-Siegh, l-Ibragg, Swieqi, u liema garaxx huwa t-tielet garaxx mix-xellug kif wiehed jidhol gol-drive-in mill-imsemmija triq, kif ahjar deskritt fl-imsemmi testament tal-21 ta' Novembru 2014.*

3. *Illi wara illi l-eredi ta' Joseph Borg, ossia uliedu l-atturi f'din il-kawza, irrinunzjaw ghall-eredita` ta' missierhom, l-esponenti kellha tipprocedi b'kawza quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, sabiex tigi immessa fil-*

*pussess ta' dan il-legat, liema kawza tinsab pendenti fl-ismjiet* ***Marina Ciarlo` vs l-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace nomine et*** *[Rikors Guramentat Numru 572/2015/SM].*

4. *Illi jirrizulta li fil-kawza odjerna, istitwita minn ulied Joseph Borg ghall-komputazzjoni u hlas tas-sehem rizervat lilhom mill-patrimonju ta' missierhom, l-istess atturi qeghdin jallegaw li minhabba l-legat imholli lill-esponenti, is-sehem rizervat spettanti lilhom ma jistax jigi sodisfatt u jridu illi l-legat in kwistjoni jitnaqqas pro rata.*

5. ***Illi naturalment, il-mertu ta' din il-kawza u l-ezitu taghha jolqtu direttament lill-esponenti li, b'danakollu, ma hijiex parti fl-istess kawza izda ghandha interess dirett u ingenti illi tintervjeni in statu et terminis f'dawn il-proceduri, sew sabiex thares il-legat lilha mhollija kif ukoll, inter alia, sabiex tqis illi l-patrimonju tad-defunt Joseph Borg u l-attiv u passiv kollu tieghu, jigi komputat korrettement****.*

*Ghaldaqstant, filwaqt illi taghmel referenza ghal dak kollu fuq premess u filwaqt illi taghmel referenza ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti titlob umilment u bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tintervjeni fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi in statu et terminis ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, kif ukoll illi tipprezenta Risposta Guramentata taghha kontra l-azzjoni intavolata mill-atturi u tressaq ix-xhieda u provi kollha relevanti ghad-determinazzjoni ta' din l-azzjoni.*

Rat ir-Risposta datata 4 ta' Mejju 2017 ta' Nikolai Borg (I.D. no 350280(M)) et, (vide fol 72A), li taqra hekk;

*Illi din ir-risposta qed issir in segwitu ghar-rikors prezentat minn Marina Ciarlo fit-tlettax (13) ta' Frar 2017, f'liema rikors l-istess Marina Ciarlo talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzaha tintervjeni fil-proceduri odjerni, in statu et terminis u tawtorizzaha wkoll tipprezenta Risposta Guramentata u tressaq xhieda u provi;*

*Illi r-rikorrenti mhumiex ser jopponu ghat-talba ta' Marina Ciarlo sabiex tintervjeni fil-proceduri odjerni in statu et terminis stante illi huwa minnu illi l-mertu ta' din il-kawza u l-ezitu taghha ser ikollu effett fuq il-legat imholli lil Marina Ciarlo u dan billi kif ser jirrizulta mill-provi minhabba l-legat imholli lill-istess Marina Ciarlo, is-sehem rizervat spettanti lir-rikorrenti ma jistax jigi sodisfatt u ghaldaqstant tali legat ghandu jitnaqqas pro rata;*

*Illi r-rikorrenti pero qed jopponu ghat-talba ta' Marina Ciarlo sabiex tigi awtorizzata tipprezenta risposta guramentata u tressaq xhieda u provi, stante li l-partecipazzjoni taghha f'dawn il-proceduri ghandha tkun limitata ghal dik ta' intervenuta fil-kawza u mhux ta' kjamata in kawza F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***'Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma vs. John Mary Caruana'*** *deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-31 t'Ottubru 2008 f'liema gie enuncjat is-segwenti:*

*'Il-ligi taghti lill-imsejjah, u mhux lill-intervenut, id-dritt li jipprezenta skritturi u eccezzjonijiet, u li jkollu l-beneficcji kollha tal-konvenut u jista' jigi kkundannat jew liberat mit-talba daqs li kieku l-kawza kienet proposta kontra tieghu'.*

*Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrenti mhumiex qed jopponu ghat-talba ta' Marina Ciarlo biex tintervjeni fil-proceduri odjerni in statu et terminis, izda qed jopponu ghat-talba taghha biex tipprezenta Risposta Guramentata u tressaq xhieda u provi.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> **"[k]*ull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha.*"**

Huwa principju accettat fil-gurisprudenza illi l-intervenut f'kawza m'huwiex parti mill-kawza. Dan filfatt gie kkonfermat is-sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Delia et vs Ir-Registratur Tal-Qrati noe** deciza fil-25 ta' April 1990, fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi:

> **"[k]*if gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine" 19 ta' Novembru, 1971, l-intervenjent ma hux "parti" jew "kontendent", cjoe huwa ma jsirx la attur u lanqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkonsidra s-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk tiddeciedi (jekk ikun hemm) il-punti li hu jissolleva, huwa la jsir l-attur legittimu kontradittur – u dana a differenza tal-kjamat fil-kawza li huwa b'ligi espresso (art. 962, Kap. 12) kkunsidrat konvenut fil-kawza.*"**

L-interess illi ghandu jkollha persuna li trid tkun trid tigi ammessa bhala intervenut f'kawza gie diskuss fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Galea Testaferrata et vs Prim Ministru et** deciza mill-**Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar 2005, fejn** gie rrilevat illi:

> ***"…fil-ligi taghna l-istitut ta' l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri (ara, passim, Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon***

***Tabone Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada ma hux interess dirett fil-kawza bejn Mario Galea Testaferra et min-naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech min-naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha x'taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt ikun jista' jintervjeni in statu et terminis – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk.***"

Rigward dak li hu permess lill-intervenut f'kawza, fis-sentenza fl-ismijiet **Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonnici et vs Evelyn Micallef Agius et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Jannar 2007 intqal illi:

"[b]*hala terz interessat ammess fil-proceduri hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata" (Kollez. Vol. XVI P I p 117). Huwa veru illi skond il-vot tal-ligi (Artikolu 960* [sic]*) l-intervenut fil-kawza ma jissospendix il-proceditment. B'danakollu, kif issokta jigi enuncjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu ghadhom iridu jsiru ghall-istruzzjoni tal-kawza, l-intervenut ma jistax japprofitta ruhu mill-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex igib 'il quddiem ir-ragunijiet tieghu" (Kollez. Vol. XXXII P I p 477).* ***Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tieghu biex jiddahhal fil-kawza,***

> ***huwa kellu d-dritt li jippartecipa fl-incidenti kollha taghha u li, sa dak il-mument, kienu ghadhom mhux decizi. Dan hu seta' jaghmlu anke billi jressaq l-eccezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom.*** *Ara "Joseph Galea -vs- Alfred Cardona", Appell Kummercjali, 28 ta' Lulju 1987 u l-kazistika f'din kompendjata*;"

Fil-fatt, fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Galea vs Alfred Cardona** deciza mill-Qorti tal-Kummercjali fit-5 ta' Marzu 1984, il-Qorti tal-Kummerc kienet ordnat l-isfilz tan-nota ta' eccezzjonijiet prezentata mill-intervenut mhux ghax sabet illi l-intervenut assolutament ma kellux dritt illi jressaq tali nota ta' eccezzjonijiet izda ghaliex primarjament, din kienet qed **issir b'sotterfugju, biex taghmel tajjeb ghall-fatt illi l-konvenut kien baqa' kontumaci**, u ghaliex din kienet giet prezentata proprju meta l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza.

Intqal ukoll izda fis-sentenza fl-ismijiet **Go plc vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u -Ippjanar et** deciza mill-Qorti tal-Appell **fit-30 ta' Marzu 2017** illi:

> **"[l]*-intervenut fil-kawza jidhol fil-kawza fl-istadju li tkun waslet il-kawza u ghalhekk ma jistax jiftah il-kawza mill-gdid b'eccezzjonijiet godda kemm dawk ta' natura sostantiva jew ta' natura procedurali li jistghu jitqajmu biss f'certi fazijiet tal-kawza. Ghalhekk il-ligi trid li l-intervenut jidhol fil-kawza fl-istat li tkun waslet fih il-kawza u fit-termini taghha.***
>
> **(…)** ***Fi kliem iehor l-intervenut cioe t-terz interessat fic-cirkostanzi tal-ligi ta' ippjanar jista' javvalixxi ruhu mill-aggravji tal-appellant jew ir-risposti tal-appellat u jamplifika fuqhom b'sottomissjonijiet tieghu izda mhux bi skuza ta' intervenut idahhal aggravji godda jew risposti godda qisu kien l-appellant jew l-appellat.***
>
> ***L-intervenut fic-cirkostanzi prezenti jrid jirkeb iz-ziemel ta' parti jew ohra izda mhux hu jassumi rwol separat u distint b'argumenti li ma jirrizultawx minn dawk strettament ta' natura legali li l-appellant intrabat bihom meta sar l-appell.***"

Trattando talba minn intervenut f'kawza biex iressqu l-eccezzjonijiet taghhom li kienet giet michuda mill-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **John Xuereb et vs John Hili deciza fit-30 ta' Settembru 2016**, wara li rreferiet ghall-Artikoli 728, 761 u 732(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta irrilevat illi:

"*Dan ifisser illi:*

*i. jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet "f'waqt ieħor tal-kawża", i.e. ukoll wara li jkunu għalqu l-proċeduri bil-miktub, sakemm tintwera raġuni valida għalhekk (art. 728(2));*

*ii. eċċezzjonijiet li b'disposizzjoni espressa jistgħu jingħataw f'kull waqt, e.g. eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, ukoll jistgħu jingħataw wara li jkunu għalqu l-proċeduri bil-miktub (art. 731);*

*iii. eċċezzjonijiet perentorji wkoll jistgħu jingħataw wara li jkunu għalqu l-proċeduri bil-miktub (art. 732)*

***L-ewwel qorti għalhekk ma kienx imissha ċaħdet it-talba tal-intervenuti fil-kawża qabel ma dawn ikunu qalu x'eċċezzjonijiet iridu jressqu, biex tara jekk humiex fost dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu wkoll f'dan l-istadju, u dan il-ġudizzju għandu jsir mill-ewwel qorti wkoll fid-dawl tal-fatt illi, għalkemm teknikament l-intervenuti fil-kawża ma humiex parti konvenuta, madankollu kundanna tal-konvenut biex iħallas tkun potenzjalment tiswa daqs kundanna tal-istess intervenuti bis-saħħa tar-reg. 25(2) tal-L.S. 403.13.***"

Il-fatt li l-intervenut fil-kawza ghandu dritt jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu gie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Cassar vs L-Avukat Generali et** deciza fit-18 ta' Lulju 2014, fejn intqal illi:

"*…**persuna li tigi awtorizzata tintervjeni f'kawza in statu et terminis, ghalkemm bil-permess tal-Qorti tista' tissolleva kwalunkwe eccezzjoni**, ma ssirx parti fil-kawza…*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Alex Azzopardi vs Anna Ellul et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Ottubru 2010 gie kjarifikat imbaghad illi:

> "[h]*u* ***m'ghandux id-dritt li jipprezenta eccezzjonijiet gja decizi***. (…) *Il-Qorti ghandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut fil-kawza u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva.* ***L-intervenut jista' jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu parti attiva fid-diskussjoni***."

Fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-intervenut f'kawza ghandux dritt iresaq provi jew le, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef vs Kontrollur tad-Dwana et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Dicembru 2005 fejn inghad illi:

> "*…il-ligi stess tghid li l-intervenut, galadarba ammess jintervjeni mill-Qorti, jitqies bhala "parti fil-kawza" – ara l-Artikolu 960 tal-Kap. 12. L-intervenut jintervjeni biex jipprotegi l-interess tieghu (ara, obiter, Constantino sive Lino Grech et v. Onor. Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona et Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Frar 1996), liema interess irid ikun interess sostanzjali u dirett fil-kawza, u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza (Mario Galea Testaferrata et v. Il-Prim Ministru et Qorti Kostituzzjonali, 10 ta' Jannar 2005).* ***Huwa ghalhekk li l-intervenut fil-kawza ghandu dritt jaghmel sottomissjonijiet u anke jressaq provi***."

**Ikkonsidrat:**

F'din l-istanza, dak li qieghed jigi oppost mir-rikorrenti m'huwiex l-intromissjoni ta' Ciarlo bhala intervenuta fil-kawza, izda t-talba taghha sabiex tigi awtorizzata tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u tipprezenta wkoll xhieda u l-provi kollha relevanti.

Rigward id-dritt taghha li tressaq eccezzjonijiet, il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza hawn fuq citata fejn jidher illi l-intervenut f'kawza ghandu dritt iressaq l-eccezzjonijiet tieghu, u dan basta illi ma jkunux eccezzjonijiet li diga gew decizi, u li wkoll dan id-dritt jiddependi fuq l-istadju li fihom ikunu waslu l-proceduri.

Fil-kaz odjern, il-proceduri **ghandhom fi stadju bikri**, tant li filfat ghadhom fi stadju ta' provi tar-rikorrenti, **u ma giet deciza l-ebda eccezzjoni**. Mhux hekk biss, talli ebda eccezzjoni tangenti filfatt ghada ma giet moghtija mill-kuraturi deputati ghall-eredita gjacenti peress illi l-kuraturi ma kienux edotti mill-fatti. Il-Qorti hawnhekk taghmel

referenza ghas-sentenza hawn fuq citata fl-ismijiet **John Xuereb et vs John Hili,** u fid-dawl ta' din is-sentenza u b'referenza ghal artikolu 728 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrileva illi r-rikorrenti kienu jafu *ab initio* bl-interess ta' Ciarlo, izda ghazlu li ma jinnotifikawhiex f'dawn il-proceduri ghal kull interess li jista' jkollha. Din, fil-fehma tal-Qorti tikkostitwixxi "raguni valida" ai termini tal-Artikolu 728 (2) tal-Kap 12. Skond l-istess sentenza **John Xuereb et vs John Hili**, l-Qorti tirrileva illi anke f'din il-kawza, ghalkemm bhala intervenuta fil-kawza, Ciarlo ma tistghax tigi kkundanata permezz ta' din is-sentenza, fil-prattika, ezitu favorevoli ghar-rikorrenti jista jsarraf f'kundanna kontra taghha xorta wahda, peress illi jaffetwa il-legat mholli lilha mid-decujus. Ghalhekk, fid-dawl tac-cirkostanza tal-kaz, u tal-gurisprudenza hawn fuq riportata, il-Qorti takkorda t-talba tal-intervenuta Ciarlo biex tressaq l-eccezzjonijiet taghha.

Rigward it-talba ta' Ciarlo biex tressaq xhieda u provi ohra, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza hawn fuq citata fl-ismijiet **Alex Azzopardi vs Anna Ellul et,** kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef vs Kontrollur tad-Dwana et,** u tqis illi Ciarlo ghandha dritt tressaq xhieda u provi ohra f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba ta' Marina Ciarlo tat-13 ta' Frar 2017, u konsegwentement tawtorizzaha tintervjeni f'din il-kawza *in statu et terminis,* u tawtorizzaha wkoll tipprezenta r-risposta guramentata taghha fi zmien ghoxrin gurnata mid-data ta' dan id-digriet, u kif ukoll tressaq ix-xhieda u l-provi relevanti.

Spejjez riservati ghal vertenza finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**